MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Numru. 678/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**VS**
**MARCO GALEA**
**FLOYD DIMECH**
**GLEN GATT**
**CLIFF SPALDING**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Marco Galea ta' 29 sena, iben Raymond u Anna nee'Azzopardi, imwieled Pieta' nhar l-1 ta'Ottubru 1981 u residenti no. 31 'Lourdes', Triq San Xmun Fgura, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 541681(M);

Floyd Dimech ta' 22 sena, iben John u Salvina nee'Azzopardi, imwieled Pieta' nhar is-26 t'Awissu 1988 u

residenti Ent. C Flat no.5 Triq Santa Liena, Bormla, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 415088(M);

Glenn Gatt ta’ 20 sena, iben Joseph u Rose Mary nee’Borg, imwieled Pieta’ nhar it-3 ta’Gunju 1990 u residenti no.8 Triq l-Irlandizi, Bormla, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 276090(M);

Cliff Spalding ta’ 27 sena, iben missier mhux maghrufu Carol Spalding, imwieled Pieta’ nhar it-23 t’April 1984 u residenti no.43, Triq Matty Grima, Bormla, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 215084(M);

Akkuzati talli gewwa Bormla xi zmien matul ix-xahar t’April, 2011, ikkommettew ser ta’diversi ghodda minn gewwa fond no.25, li jinsab fi Triq Hanover, Bormla, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, u bil-valur, li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2329.37,u dan sar ghad-detriment ta’Michael Gauci u / jew persuni ohra;

Talli fl-istess perjodu lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, liema hsara teccedi €116.47 izda li ma teccedix €1,164.69, u dan ghad-detriment ta’ l-imsemmi Michael Gauci u / jew persuni ohra;

F’kaz ta’htija, il-Qorti giet mitluba li tikkonsidra li l-imputati Floyd Dimech, Glen Gatt u Cliff Spalding wahidhom saru recedivi ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta, b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputati , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’l-imputati;

Semghet il-konferma ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputati wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli  ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati Marco Galea, Floyd Dimech, Glen Gatt u Cliff Spalding, hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 263 ,264, 267,279, 280, 325, 49 u  50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’Malta tillibera lill-imputati Floyd Dimech, Glen Gatt u Cliff Spalding bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn (2),  waqt illi ghal rigward tal-imputat Marco Galea tilliberah  bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1).  Ghal rigward ta’ Marco Galea din il-Qorti tippreciza illi dan l-imputat huwa *a first offender* pero l-istess ma jistax jinghad ghal rigward tat-tlett imputati l-ohra.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fedina penali taghhom, u il-fatt li l-imputati ghamlu tajjeb finanzjarjament ghal hsara kollha illi huma wettqu u dana fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------